ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 40/2022/09

**Data tal-laqgħa:** 24 ta' Frar, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Hal Kirkop fil-17:15hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

## Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

40.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 38

40.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 38 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 40.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 39

40.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 39 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier John Luke Cassar, li kienet issekondata mis-Sindku Terence Agius dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 40.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

40.4.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn Parks Malta rigward ix-xogħol fl-*observation area*, fi Triq l-Industrija.

40.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u saħqu fuq l-importanza li l-Kunsill jifferma kuntratt li dan il-proġett ser jitwettaq minn Parks Malta fl-2023 kif ikkonfermat f'din l-*email*.

40.4.1.2 Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kien applika għall-permess ta' żvilupp mal-Awtoritá tal-Ippjanar.

40.4.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-applikazzjoni titlob li l-Kunsill ikollu approvazzjoni mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill ikun jista' jamministra Propjetà Pubblika.

40.4.1.4 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat li ssir talba għall-Amministrazzjoni ta' Propjetà Pubblika – *Observation Area* fi Triq l-Industrija, Ħal Kirkop, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

40.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn Infrastracture Malta rigward ix-xogħol ta' żebgħa u tabelli fi Triq Valletta k/m Triq Danny Cremona k/m Triq ir-Ramlija.

40.4.2.1 Is-Sindku kompla jgħid li minn naħa ta' Infrastracture Malta kienu bagħtu pjanta draft ta' kif din l-*area* tista' tiġi *embellished* biex jiżdied il-parkeġġ.

40.4.2.2 Il-Kunsilliera raw din il-pjanta u qablu li ser ikunu qed jistennew il-pjanti finali minn naħa ta' Infrastracture Malta.

40.4.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li ħafna mir-residenti ta' Triq il-Lewżiet u Triq Taż-Żebbiegħ għamlu lmenti rigward ir-*road markings* li saru fit-triq. Dan għaliex saru ħafna linji sofor fejn is-soltu kienu jipparkjaw il-karozzi.

40.4.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-problema u qablu li kollox għandu jerġa' jsir kif kien qabel sar it-tarmak. Kien hemm qbil li s-Sindku Terence Agius jitkellem mal-Perita ta' Infrastracture Malta dwar dan.

40.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-*Crime Prevention & Community Policing Region A* rigward il-proġett ta' *Community Police Officers* fil-lokalità ta' Ħal Kirkop.

40.4.4.1 Is-Sindku qal li aktar 'il quddiem il-konsulent tal-pulizija ser ikun qed jiltaqa' mal-Kunsill biex flimkien naraw kif ser jinħadem dan il-proġett.

40.4.5 Is-Sindku Terence Agius iddiskuta mal-Kunsilliera preżenti rigward is-sitwazzjoni tal-ġardinar. Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u qablu li għalissa il-ġardinar jibqa' *part-time* sakemm is-sitwazzjoni tiġi għall-aħjar.

40.4.5.1 Apparti hekk il-Kunsilliera qablu li ssir *data track* fuq il-vettura tal-Kunsill u jingħata wkoll *mobile* b'*live tracking* biex il-Kunsill ikun infurmat bir-rotta li tkun saret matul il-ġurnata. Il-Kunsilliera qablu li l-ġardinar jingħata l-*mobile* li għandu l-Kunsill bħalissa u jinxtara ieħor għall-użu tal-Kunsill.

40.4.5.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat li jinxtara *mobile* ġdid, li jkun fih camera tajba ħafna, għall-Kunsill biex il-*mobile* li għandna bħalissa jingħata lill-ġardinar bis-sistema ta' *live tracking*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

40.4.5.3 Il-Kunsill qed jistenna li l-ġardinar jieħu ritratti qabel u wara li jsir ix-xogħol u dawn jintbgħatu kuljum, minn fuq il-post, biex ikun hemm rekord x'qed isir.

40.4.5.4 Il-ġardinar għandu jkun infurmat b'din id-deċiżjoni kif meħuda mill-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

40.4.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien tkellem mal-Kappillan rigward l-użu tal-meter tad-dawl tal-Kappella tal-Lunzjata biex ikunu jistgħu isiru CCTVs u WiFi f'Misraħ Ħal Kirkop.

40.4.6.1 Is-Sindku qal li l-Kappillan kien qabel mal-proposta tal-Kunsill u għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed jipprepara abbozz ta' ftehim dwar dan biex jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet.

40.4.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mill-Enemalta rigward regolarizzazzjoni ta' dwal tat-toroq.

40.4.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qalu li f'Ħal Kirkop ma hawnx bozoz li mhux regolarizzati u għaldaqstant ma hemmx x'wieħed japplika.

40.4.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta dwar it-talba għal-lampi ġodda li saret mal-Ministeru tal-Enerġija.

40.4.8.1 Is-Sindku qal li t-talba biex jinbidlu l-bozoz ta' Triq San Pietru ġiet milqugħa u dawn kienu nbidlu kollha għal-LEDs.

40.4.8.2 Fir-rigward tal-lampi ġodda fi Triq Dun Ġużepp Barbara l-Kunsill ser ikun qed jibgħat dettalji li juru li din it-triq hija arterja biex ikunu jistgħu isiru dawn il-bozoz.

40.4.8.3 Fir-rigward ta' bozza ġdida fi Triq Giovanni Cassar, il-Kunsill ser jara jekk hemmx xi resident li jaċċetta li ssir il-bozza mal-faċċata tiegħu biex tkun tista' ssir mill-Kunsill.

40.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kienu kellmuh mill-AFM rigward is-siġra tal-*ficus* li qed taqla' l-*fence.* Huma infurmawh li jekk din mhux ser tinqala' l-AFM mhux ser tkun tista' tkompli tbiddel il-*fence*.

40.4.9.1 Il-Kunsill ser ikun qed jara kif tista' titneħħa din il-*ficus* biex meta jsir ix-xogħol ma terġax issir ħsara. Is-Sindku ser jieħu ħsieb ikellem lil Ambjent Malta dwar dan.

40.4.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn ST Microelectronics rigward l-*ST Micro EHS Week 2022 - Clean Up the Planet Activity* li ser issir fit-22 ta' Marzu 2022.

40.4.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qalu li minħabba li ser tkun fil-ġimgħa tal-Elezzjoni Ġenerali mhux ser ikunu jistgħu jattendu.

40.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand student fl-Mcast li qed jistudja Media biex jagħmel 20 siegħa xogħol volontarju fil-komunità.

40.4.11.1 Il-Kunsilliera qablu li dan l-istudent jingħata din l-opportunità u jintalab jaħdem fuq *video clip* dwar Ħal Kirkop.

40.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba oħra mingħand student ieħor fl-Mcast biex jagħmel 20 siegħa xogħol volontarju fil-komunità. Dan infurmana li hu jista' jaħdem biss is-Sibt filgħodu.

40.4.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tistaqsih jekk jistax isib ħin matul il-ġimgħa biex ikun jista' jagħmel dan ix-xogħol volontarju għaliex is-Sibt mhux vijabli.

40.4.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari SPI/SCI/02/2022 rigward *Community Inclusive Employment Scheme 2022*.

40.4.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif kienu ddiskutew permezz tal-*email*, hija kienet ippreparat l-applikazzjoni għal din l-iskema fejn il-Kunsill kien ser japplika biex ikollu *Receptionist* fuq bażi *part time*.

40.4.13.2 Il-Kunsilliera raw l-applikazzjoni kif ippreparata mis-Segretarju Eżekuttiv u qablu magħha.

40.4.13.3 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex tiġi approvata l-applikazzjoni għall-iskema maħruġa b'Ċirkulari SPI/SCI/02/2022 - *Community Inclusive Employment Scheme 2022*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

40.4.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti rigward laqgħa li kellu mal-LEAP! rigward il-bżonnijiet tagħhom biex ikomplu jaħdmu fil-komunità.

40.4.14.1 Is-Sindku qal li kien mitlub biex issir CCTV biex jitnaqqas il-vandaliżmu li qed ikun hemm fil-ġnien ta' quddiem il-LEAP!.

40.4.14.2 Hu kompla jgħid li l-Kunsill ser ikun qed iġib stima għal din is-CCTV biex id-Dipartiment jara jekk hux lest li jidħol għall-ispejjeż tagħha, u din tkun tista' titqabbad mad-DVR tas-CCTVs l-oħrajn li l-Kunsill għandu fuq il-post.

40.4.14.3 Apparti hekk il-Kunsill ser jara biex isir xi dawl mad-dawra tal-binja biex tinxtegħel din l-*area*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

40.4.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva suġġeriment mingħand resident biex isiru siġar fuq il-bankina ta' Triq Ħal Safi.

40.4.15.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu li jsiru qsari u jitħawlu siġar fihom.

40.4.16 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand wieħed mill-impjegati tal-RSSL, assenjat mal-Kunsill, fejn talab li jerġa' jġedded sena oħra ta' mpjieg.

40.4.16.1 Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jitlob lill-RSSL biex isir dan it-tiġdid.

40.4.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-*air conditioner* tal-*Boardroom* kellu l-ħsara, liema ħsara ma kinetx tissewwa.

40.4.17.1 Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex dan l-ass fiss jitneħħa mill-kotba tal-Kunsill. Dan l-ass jidher fil-*Fixed Asset Register* bħala parti mill-air conditioners installati fil-binja tal-Kunsill fl-2011, bin-numru OFEQU014.

40.4.17.2 Kien hemm qbil unanimu li dan l-ass jiġi mneħħi mill-kotba tal-Kunsill.

40.4.17.3 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex tiġi approvata li l-ass skont minuta 40.4.17.1 jitneħħa mill-kotba tal-Kunsill *(disposal of asset)*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

40.4.17.4 Apparti hekk is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsill li kien hemm bżonn li jinxtara *air conditioner* ġdid minflok dak li kellu l-ħsara. Kien hemm qbil li dan jinbidel.

40.4.17.5 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex jinxtara *air conditioner* ġdid minflok dak li kellu l-ħsara, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

40.4.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva approvazzjoni biex isiru *double yellow lines* faċċata tad-*drive in* tal-garaxx. Is-Sindku qal li r-resident ta' faċċata ma riedx li dawn is-sinjali isiru quddiemu.

40.4.18.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dan u qablu li la l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni minn Transport Malta ma jistax ma jagħmilx din iż-żebgħa. Ir-resident għandu kull dritt iressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu quddiem Transport Malta.

40.4.19 Is-Sindku Terence Agius fakkar lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/1/2022 rigward Finanzjament għal Żvilupp u Titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

40.4.19.1 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li din l-iskema tagħlaq fid-29 ta' April, 2022 u għaldaqstant ġie miftiehem li wara li tgħaddi l-Elezzjoni Ġenerali il-Kunsilliera ser jiltaqgħu biex jippjanaw din l-applikazzjoni li ser tkun qed tinkludi it-tisbieħ ta' Misraħ iż-Żerniq.

40.4.20 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien qed jagħmel verifika tal-assi kollha li għandu l-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv kellha lista' ta' Assi li kellhom jitneħħew mill-kotba tal-Kunsill għax ma kienux għadhom tajbin.

40.4.20.1 L-assi jidhru fil-Fixed Asset Register bin-numri kif ġej – OFURN008(A0061-A0064); OFURN015; OFEQU001; OFEQU002; OFEQU003; OFEQU004; OFEQU005; OFEQU006; OFEQU008; OFEQU009; OFEQU010; OFEQU011; OFEQU013; OFEQU015; OFEQU016; OFEQU017(A0180); OFEQU020; OFEQU024; u OFEQU035.

40.4.20.2 Kien hemm qbil unanimu li dawn l-assi jiġu mneħħija mill-kotba tal-Kunsill. Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex tiġi approvata li l-assi skont minuta 40.4.20.1 jitneħħew mill-kotba tal-Kunsill *(disposal of assets)*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 40.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

40.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm bżonn nagħmlu laqgħa dwar l-*open spaces* li hawn f'Ħal Kirkop, biex naraw li jekk fadal xi ħaġa għandha titgawda mill-komunità Koppija.

40.5.1.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm bżonn naraw ftit l-*area* bejn Triq Ħal Safi u Triq San Pietru, biex naraw eżatt fejn ser tinfetaħ it-triq u x'ser jifdal vojt wara li tinbena l-binja tal-Gvern. Hu qal li jekk il-Gvern mhux se jħalli biċċa *open space* f'dik l-*area*, f'Ħal Kirkop mhux se jifdal xejn *open spaces*.

40.5.1.2 Il-Kunsilliera qablu mal-Viċi Sindku u ser jitkellmu dwar din wara l-elezzjoni biex issir laqgħa mal-Ministru inkarigat mill-artijiet tal-Gvern.

40.5.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar parti mit-triq maqlugħa fi Triq Valletta k/m Triq San Pietru fejn sar xi xogħol u baqa' ma ġiex irranġat.

40.5.2.1 Is-Sindku ser ikun qed jara x-xogħol li hemm bżonn isir biex jirraporta lill-entità rispettiva biex tirranġa t-triq.

40.5.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm bżonn li l-bankijiet kollha ta' Ħal Kirkop jinbarxu u jinżebgħu.

40.5.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-proposta u qablu miegħu. Ser isir pjan biex anke l-ġardinar jgħin f'dan ix-xogħol.

40.5.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar informa lill-Kunsill dwar ix-xogħol li hemm bżonn isir fi Triq ir-Ramlija biex jitpoġġew l-iBins.

40.5.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew stima li nġabet għal dan ix-xogħol u kien hemm qbil li x-xogħol isir skont din l-istima.

40.5.4.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex ix-xogħol fuq il-pjattaforma biex jitpoġġew l-iBins fi Triq ir-Ramlija isir skont l-istima riċevuta, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

40.5.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar l-iskema WiFi4EU u jekk kienx hemm xi aġġornament dwarha.

40.5.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien bagħat id-dettalji li kien jonqos u l-kuntrattur kien ser jiġi jara l-ġimgħa d-dieħla biex jibda l-installazzjoni tal-WiFi fil-postijiet magħżula.

40.5.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar it-trasport tal-anzjani għad-Day Centre, peress li fil-ftehim hemm miktub li ser jiġi pprovdut trasport li ser ikun imħallas mid-Dipartiment u mill-Kunsill, nofs bin-nofs.

40.5.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed jinġabru kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

40.5.7 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar kaptelli fi Triq Dun Ġużepp Barbara li huma miksurin.

40.5.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet bagħtet lill-ħaddiema biex jaraw kemm hemm ħsara u sabu li hemm sitt kaptelli miksurin. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn ser jinbidlu mill-ħaddiema tagħna.

40.5.8 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li xtaq jgħid grazzi pubblikament lis-Segretarju Eżekuttiv Antonia Demicoli tal-organizzazzjoni impekkabli li biha kienet organizzat il-proġett *'Cultural Heritage – A Foundation for Building Europe's Future'* . Il-Kunsilliera preżenti ingħaqdu miegħu u rringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv.

40.5.8.1 Is-Sindku Terence Agius irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Kunsillier John Luke Cassar li kienu l-moħħ wara l-organizzazzjoni ta' dan il-proġett u kif ukoll lill-Viċi Sindku Joseph Schembri u lill-Kunsillier Cody Galea tal-għajnuna tagħhom.

40.5.8.2 Is-Sindku Terence Agius irringrazzja wkoll lill-istaff tal-Kunsill u fl-aħħar u mhux l-inqas lill-Artist Clint Grech li għen ħafna fil-preparamenti u tella' wirja ta' arti biex sebbaħ l-uffiċini tal-Kunsill għall-okkażjoni.

40.5.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjathom ta' dan l-apprezzament. Hija qalet li dan kien possibbli għax il-Kunsillier John Luke Cassar kien ta' spalla fl-organizzazzjoni ta' dan il-proġett, u flimkien mat-tim kollu ħadmu biex dan il-proġett kien suċċess kbir kif anke ġie rrimarkat mill-barranin kollha li ħadu sehem.

40.5.8.4 Hija qalet li tħossha onorata li tagħmel parti minn dan it-tim u taħdem qatiegħ biex Ħal Kirkop jingħata isem u ġieħ anke f'pajjiżi oħra madwar id-dinja.

40.5.9 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar caravan li kien hemm ipparkjat fi Triq il-Lewżiet.

40.5.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien sar rapport lill-Pulizija dwaru u li jidher li ma kienx għadu fl-istess post iżda xorta kien għadu f'Ħal Kirkop.

40.5.9.2 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċekkja mal-Pulizija x'kien sar dwar dan ir-rapport.

40.5.10 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk il-Kunsill kienx infurmat li l-Cleansing Division ġew jiżbgħu il-funtana u l-ħitan ta' Ġnien Rousset.

40.5.10.1 Is-Sindku Terence Agius u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li l-Kunsill ma kienx infurmat b'dan. Huwa tajjeb li jsir xogħol fil-lokalità, biss il-Kunsill iħoss li kull meta jsir xogħol f'Ħal Kirkop, il-Kunsill għandu jkun infurmat.

40.5.10.2 Is-Sindku Terence Agius ser ikun qed jitkellem mal-Cleansing & Maintenance Division biex jara min ordna li jsir dan ix-xogħol.

40.5.11 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar l-intercom li kien hemm mal-Għassa tal-Pulizija.

40.5.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li jidher li din tneħħiet għax il-binja li kienet għassa tal-Pulizija għaddiet għand is-sid.

40.5.12 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-latrina u qal li jidher li mhux qed titnaddaf sew.

40.5.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tkellem lill-persuna responsabbli mil-latrina biex tara li din tingħata tindifa sewwa.

40.5.13 Il-Kunsillier Cody Galea fakkar lis-Sindku dwar ix-xogħol li għandu jsir fuq it-toqob tan-nar tal-art fi Triq San Nikola.

40.5.13.1 Is–Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jara mal-kumitati tan-nar biex jaraw meta ser isir ix-xogħol.

40.5.14 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar is-*safety barriers* li kellhom jeħlu fi Triq San Remiġ u Triq Danny Cremona.

40.5.14.1 Is-Sindku Terence Agius qal li wara l-laqgħa li kienet saret ma' Transport Malta, il-Kunsill ġie infurmat li biex dawn isiru hemm bżonn li jiġu rranġati l-bankini biex ikunu wiesa' biżżejjed li jippermettu t-twaħħil ta' dawn is-*safety barriers*.

40.5.15 Il-Kunsillier Cody Galea talab lill-Kunsill biex isir rapport lill-Pulizija għax xi persuni mhux magħrufa qed iħabbtu l-bibien fis-siegħat bikrin ta' filgħodu.

40.5.15.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħmel rapport dwar dan.

## 40.6 Rapport tal-Ilmenti

40.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 40.7 Approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma 2022 - 2024

40.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma 2022 2024. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie diskuss mal-Kunsilliera kollha.

40.7.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-Pjan ta' Ħidma 2022 - 2024, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 40.8 Proġett *'Cultural Heritage – A Foundation for Building Europe's Future'*

40.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien jinsab ferm sodisfatt li l-proġett 'Cultural Heritage – A Foundation for Building Europe's Future', li t-tieni laqgħa tiegħu saret f'Ħal Kirkop, Malta bejn is-17 u l-20 ta' Frar, 2022, kien suċċess kbir.

40.8.2 Is-Sindku Terence Agius qal li dak li kellu jingħad fuq dan l-item kien ġie diskuss f'minuta 40.5.8 fl-*item* nru. 40.5 – Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 40.9 *Bring-in-sites* fi Triq ir-Ramlija

40.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill kien talab kwotazzjoni biex tiġi rranġata l-*area* fi Triq ir-Ramlija fejn ser jitpoġġew il-*bring-in-sites*.

40.9.2 Is-Sindku Terence Agius qal li dak li kellu jingħad fuq dan l-item kien ġie diskuss f'minuta 40.5.4 fl-*item* nru. 40.5 – Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 40.10 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

40.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-dokument tas-sejħa għall-offerti tal-Knis ta' Toroq kien lest u staqsiet lill-Kunsilliera jekk kienux raw dan id-dokument li kien reġa' ġie mibgħut lilhom hekk kif miftiehem fil-laqgħa preċedenti.

40.10.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tħalli din is-sejħa għal wara l-elezzjoni ġenerali għax ma laħqux raw id-dokument sew u issa mhux żmien li toħroġ din is-sejħa. Huma saħqu li kif kien ġie maqbul f'Seduta Nru. 29, minuta 29.6.7, il-Kunsill għandu jkompli jaħdem bil-kuntratt preżenti.

40.10.3 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 40.11 Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

40.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-dokument tas-sejħa għall-offerti dwar Tabelli u Sinjali tat-Traffiku kien lest u staqsiet lill-Kunsilliera jekk kienux raw dan id-dokument li kien reġa' ġie mibgħut lilhom hekk kif miftiehem fil-laqgħa preċedenti.

40.11.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tħalli din is-sejħa għal wara l-elezzjoni ġenerali għax ma laħqux raw id-dokument sew u issa mhux żmien li toħroġ din is-sejħa. Huma saħqu li kif kien ġie maqbul f'Seduta Nru. 29, minuta 29.7.7, il-Kunsill għandu jkompli jaħdem bil-kuntratt preżenti.

40.11.3 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 40.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

40.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 123 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

40.12.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 123 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 40.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

40.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

40.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Marzu, 2022 fl-16:30hrs.

40.13.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:14hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 4 ta' April, 2022

**Mozzjoni Ref:** 214/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 38.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Cody Galea

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 215/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 39.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Terence Agius

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 216/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat li ssir talba għall-Amministrazzjoni ta' Propjetà Pubblika – *Observation Area* fi Triq l-Industrija, Ħal Kirkop.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 217/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat li jinxtara *mobile* ġdid għall-Kunsill, li jkun fih camera tajba ħafna, biex il-*mobile* li għandna bħalissa jingħata lill-ġardinar bis-sistema ta' *live tracking.*

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Cody Galea

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 218/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-applikazzjoni għall-iskema maħruġa b'Ċirkulari SPI/SCI/02/2022 - *Community Inclusive Employment Scheme 2022*.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 219/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata li l-ass skont minuta 40.4.17.1 jitneħħa mill-kotba tal-Kunsill *(disposal of asset).*

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 220/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jinxtara *air conditioner* ġdid għall-*Boardroom* minflok dak li kellu l-ħsara.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 221/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata li l-assi skont minuta 40.4.20.1 jitneħħew mill-kotba tal-Kunsill *(disposal of assets).*

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 222/22/9

**Mozzjoni:**

Biex ix-xogħol fuq il-pjattaforma biex jitpoġġew l-iBins fi Triq ir-Ramlija isir skont l-istima riċevuta.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 223/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat il-Pjan ta' Ħidma 2022 – 2024.

____________________
**Proponent**
Terence Agius

____________________
**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 224/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 123.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**